MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 1239/2001/1

**Guzeppi Gauci**

**vs**

**Francis Mansueto**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-19 ta' Ottubru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ elf, tlettt mija u erbghin lira Maltin (Lm1,340.00) rapprezentanti tnaqqis fil-valur tal-vettura tal-attur konsegwenza tal-incident awtomobilistiku ikkagunat mill-konvenut li tieghu gja’ accetta r-responsabilita’ u l-bilanc tas-somma mhallsa mill-attur ghal kiri ta’ vettura konsegwenza tal-istess incident (Dok. B).
Bl-ispejjes u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talba tal-attur ghandha tigi respinta stante illi l-quantum li qed jintalab huwa eccessiv.Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda ta’ Johann Gauci, Anthony Amaira, Anthony Mizzi, Joseph Buttigieg u Philip Attard. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti, nkluz l-affidavit ta’ Guzeppi Gauci.

Ra l-verbal tal-15 ta’ Novembru 2002 fejn gie nominat Philip Attard bhala espert tekniku bl-inkarigu li jindika l-valur tal-vettura li tifforma l-mertu tal-kawza.

Ha konjizzjoni tar-rapport tal-espert tekniku esebit a fol. 63 tal-process.

Ikkunsidra:

Illi l-azzjoni attrici tirrigwarda danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta’ ncident awtomobilistiku li l-partijiet jaqblu li kien unikament responsabbli ghalih il-konvenut. L-ammont mitlub jikkonsisti f’’deprezzament tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GER 200, kif ukoll ammont imhallas mill-attur ghal kiri ta’ karozza waqt li l-vettura tieghu kienet ghat-tiswija.

Illi in kwantu jirrigwarda d-deprezzament fil-valur tal-imsemmija vettura gie nominat l-espert tekniku Philip Attard sabiex jindika d-deprezzament tal-vettura bhala konsegwenza tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni. L-espeert tekniku wara li spezzjona l-vettura in kwistjoni, wara li ra l-‘job card’ ghand il-garaxx fejn gew effetwati t-tiswijieet u wara li ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti mill-partijiet, wasal ghal konkluzjoni li d-deprezzament fil-valur tal-vettura kien jammonta ghal tmien mitt lira Maltin (Lm800.00). L-espert tekniku wasal ghal din il-figura billi kkunsidra li x-xoghlijiet fuq il-vettura saru b’mod espert u minghjr ebda tqanqic. Dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn m’ghandux jaddotta u jaghmel tieghu il-konkluzjoni tal-espert tekniku in kwantu jirrigwarda d-deprezzament fil-valur tal-vettura propjeta’ tal-attur.

Illi l-attur qed jitlob ukoll il-hlas ta’ Lm189.75 li huwa hallas ghal kiri ta’ karozzaa sakemmm il-vettura tieghu kienet qqed tissewwa. L-attur esebixxa d-debita ricevuta (a fol. 22 tal-process) minfejn jirrizulta li dan l-ammont jirrigwarda l-prezz ta’’ tlieta u tletin gurnata kiri ta’ karozza. L-attur xehed li huwa kien thallas ghal dak il-perijodu meta l-vettura tieghu kienet qed tissewwa izda mhux ghal dak il-perijodu fejn huwa kien bla karozza ghaliex kien qed jistenna xi parts jaslu minn barra. Il-konvenut ma ressaq ebda provi sabiex jirribatti din it-talba u fil-fehma tat-Tribunal dan l-ammont huwa ndubbjament dannu li sofra l-attur bhala konsegwenza tal-incident kawzat mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Ribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta’ disa’ mija u disgha u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm989.75) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dan l-ammont ta’ disa’ mija u disgha u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm989.75), bl-imghax legali pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

-------------------------------TMIEM-------------------------------